MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 1094/2002

**Fl-atti tac-citazzjoni bin-numru 479/02/TM fl-ismijiet "Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg vs Josephine Sammut", u wara l-hrug tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-numru 1751/02 fl-ismijiet:**

**Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

**vs**

**Josephine Sammut**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Josephine Sammut fis-27 ta' Settembru tas-sena 2002, li in forza tieghu, wara li eccepiet:

Illi permezz ta' rikors datata 22 t'Awissu tas-sena 2002, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1751/02 kontra l-esponenti fl-ammont ta' hamsin elf Lira Maltin (LM50,000) u bil-kawzali "danni ikkawzati lir-rikorrenti mill-konvenuta".

Illi l-mandat de quo m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponenti tirrileva illi hija istitwiet proceduri kontra t-tlett intimati ghar-rexissjoni ta' transfer ta' *char-a-banc* u ta' *taxi* liema proceduri jinsabu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Nru.:1186/01) u a bazi tal-istess kawza hija ottjeniet kontra l-istess intimati zewg mandati wiehed ta' sekwestru u l-iehor ta' qbid;

2. Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi l-hrug tal-mandat ta' qbid li tieghu qed tintalab ir-revoka mill-esponenti hareg in segwitu ta' kawza kontra l-istess esponenti fejn l-intimati qed jitolbu d-danni minhabba z-zamma fis-sehh ta' zewg mandati li ghamlet l-istess esponenti fil-konfront taghha;

3. Illi l-esponenti ma tistax tifhem kif l-intimati fethu kawza ghad-danni u ntavolaw il-mandat odjern li tieghu qieghda tintalab ir-revoka meta l-istess Qorti ippronunzjat ruhha in segwitu ta' tentattiv da parti tal-intimati sabiex jirrevokaw l-imsemmi mandat (Rik. Nru.: 1153/01/RCP) fis-sens illi l-mandat ta' sekwestru 1912/01 kien gustifikat li hareg sabiex dan jikkawtela l-pretensjonijiet tal-esponenti hekk kif dedotti fil-kawza intavolata minnha fil-konfront tal-intimati;

4. Illi m'huwa xejn car kif l-esponenti waslu sabiex ikkwantifikaw u kkomputaw d-danni allegatament sofferti minnhom ghas-somma ta' Lm50,000;

5. Illi m'hemmx dubbju ghalhekk illi l-mandat odjern huwa wiehed eccesiv ghaliex m'hemmx dubbju illi d-danni sofferti m'humiex fl-ammont ta' Lm50,000;

6. Illi in oltre l-esponenti tirrileva illi l-intimati f'dawn il-proceduri kienu ntavolaw mandat ta' sekwestru li gie milqugh mill-Qorti nhar is-16 t'April, 2002 u cioe' hafna qabel l-intavolar tal-mandat odjern. L-intimati fil-fatt lanqas biss indenjaw ruhhom jivverifikaw x'fondi nqabdu permezz tal-imsemmi mandat qabel ma ntavolaw il-mandat ta' qbid in kwistjoni. Il-kopja tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala `Dok JS1' mahrug mill-Bank of Valletta plc huwa prova cara illi permezz tal-mandat ta' sekwestru inqabdu fondi in eccess tal-LM50,000 pretizi mill-intimati u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn kellu jinhareg mandat iehor fl-istess ammont. Dan juri bic-car illi l-intenzjoni tal-intimati kienet wahda biss illi jdejqu lill-esponenti u xejn aktar;

7. Illi l-esponenti ghalhekk isaqsi jekk il-pretensjoni tal-intimati fl-ammont ta' LM50,000 giet sodisfatta permezz tal-mandat ta' sekwestru, ghalfejn kellu jinhareg sussegwentement mandat ta' qbid? X'inhija precizament il-pretensjoni tal-intimati?

8. Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi anke meta wiehed jezamina l-mertu tal-kawza intavolata mill-istess intimati wiehed isib illi l-hrug tal-mandat odjern m'hux ibbazat fuq pretensjoni fondata da parti tal-intimati. L-intimati ma sofrew l-ebda danni;

9. Illi l-intavolar tal-mandat ta' qbid de quo mill-intimati huwa wiehed intempestiv ghall-ahhar stante illi f'kull kaz l-intimati kellhom jistennew l-ezitu tal-kawza li infethet mill-esponenti qabel ma setghu jallegaw illi l-hrug tal-mandati da parti tal-esponenti kien wiehed `frivolu u vessatorju';

10. Illi dan il-mandat ta' qbid sar ukoll fuq vetturi illi lanqas biss jappartjenu lill-esponenti u in oltre dan il-mandat ta' qbid qieghed jirreka pregudizzju enormi lill-esponenti stante illi dawn il-vetturi u l-operazzjoni taghhom bhala *taxi* jew *char-a-banc* kien l-unika introjtu li kien ghad baqghalha l-esponenti wara li nhareg il-mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha. Apparti minn hekk, dawn

il-vetturi qeghdin jigu operati minn persuni li minn dak ix-xoghol huma jaqilghu l-ghixien taghhom;

11.Illi kif gja' gie spjegat l-esponenti ghandha fondi adegwati halli tkopri l-pretensjoni tal-intimati dejjem
jekk din tezisti fir-realta' jew jekk ghandha xi bazi fil-ligi u ghalhekk ghal kull bon fini t-talba ghall-hrug tal-mandat odjern bla ebda mod m'hija gustifikata;

12. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma talbux lill-esponenti sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni fi zmien hmistax-il jum qabel gie pprezentat il-mandat ta' qbid de quo;

13. Illi in oltre l-intimati ma talbux lill-esponenti halli din tipprovdi garanzija jew sigurta' bizzejjed, u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 836(8) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti huma ntitolati li jitolbu l-hlas ta' penali minghand l-intimati;

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli qorti joghgobha:

(a) Titratta r-rikors odjern b'urgenza tenendo konto ic-cirkostanzi hawn fuq spjegati;

(b) Tirrevoka, thassar u tikkancella l-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1751/02 fl-ismijiet hawn fuq indikati u dana ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b), (c), (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-esponenti dik is-somma ta' mhux anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) u mhux aktar minn tlett elef Lira Maltin (LM3,000) u dana ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b), (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Fin-nuqqas li tilqa' t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lill-intimati sabiex, a tenur tal-Artikolu

838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepositaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa halli taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' qbid bin-numru 1751/02.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-intimati Emanuel Sammut et li in forza taghha esponew:

Illi l-esponenti qeghdin jopponu ruhhom ghat-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi r-rikorrenti tiddikjara li ma tistax tifhem il-pretensjoni ta' l-esponenti, fis-sens illi jridu jikkawtelaw il-jedd taghhom li jigu kumpensati ghal danni li qeghdin isofru biz-zamma fis-sehh ta' mandati mahruga mill-istess rikorrenti;

2. Illi huwa risaput illi l-Qrati johorgu mandati kawtelatorji fuq talba guramentata ta' rikorrenti, u fuq ir-responsabbilita' ta' l-istess rikorrent. Il-fatt illi l-mandat ikun inhareg mill-Qorti ma jezonerax lil min talbu mir-responsabbilita', jekk jirrizulta li tali talba kienet frivola, vessatorja jew malizzjuza;

3. Illi, fil-fatt, l-artikolu 836(9) tal-Kap.12 stess jipprovdi illi:

"*Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta ssirilha citazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f'kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procediment ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' din l-azzjoni.*"

4. Illi fil-fatt l-esponentiipprezentaw citazzjoni kontra r-rikorrenti ghad-danni li huma sofrew u ghadhom qeghdin isofru kawza tal-hrug u zamma fis-sehh tal-mandati. L-esponenti ghandhom kull jedd li jikkawtelaw dan il-kreditu pretiz minnhom bil-mezzi li tipprovdi l-ligi, u bir-responsabbilita' taghhom;

5. Illi l-argument tar-rikorrenti li l-mandat *de quo* huwa intempestiv ghaliex semmai l-esponenti kellhom jistennew l-ezitu tac-citazzjoni li huma pprezentaw huwa, bir-rispett kollu, irrilevanti. L-iskop kollu tal-mandat kawtelatorju huwa propju dak li wiehed jikkawtela kreditu qabel ma jkun tard wisq;

*6.* Illi d-danni li qeghdin isofru l-esponenti biz-zamma fis-sehh tal-mandati huma ingenti. Dawn jinkludu *inter alia:*

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg peress illi huwa jinsab effettivament mizmum milli jopera permezz ta' mandat ta' sekwestru ta' LM70,000 kontra tieghu;

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg wara li bin-notifika ta' mandat kawtelatorju lid-Direttur tal-Licenzji huwa gie impedut li jgedded il-licenzja ta' *taxi* ghal xhur shah, u ghalhekk kien impedut milli joperaha;

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg peress illi sussegwentement ix-xarabank u *taxi* proprjeta' tieghu gew maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid u sahansitra elevati mir-rikorrenti biex b'hekk waqaf ghal kollox id-dhul sostanzjali li kien jippercepixxi minn dawn il-vetturi;

- Danni sofferti mill-esponenti Natasha Sammut peress illi kienet fil-process li takkwista propjeta' immobbli izda, wara li r-rikorrenti ottjeniet mandat ta' sekwestru ghal Lm70,000 kontra taghha, il-bank li kien ser jiffinanzja dan

l-akkwist irtiralha s-self u ebda bank iehor ma kien dispost li joffrilha self;

- Danni sofferti mill-esponenti Emanuel Sammut f'li gie ffrizat kull sors ta' introjtu tieghu filwaqt li gie espost ghal pretensjoni ta' danni da parti ta' George Borg li legittimament akkwista xarabank u *taxi* minghandu illi izda ma jistax joperahom;

*7.* Dan kollu jrid jigi kunsidrat fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti qieghda tippretendi li tinghata lura x-xarabank u *taxi* li kienet bieghet lil huha, u cioe' lill-esponenti Emanuel Sammut. Hija tiddikjara li l-ammont ta' Lm70,000 indikat minnha ghall-finijiet tal-mandati taghha jirreferi ghall-valur tal-licenzji ta' dan ix-xarabank u *taxi*. Ir-rikorrenti setghet facilment ikkawtelat il-pretensjoni taghha billi titlob l-inibizzjoni ta' trasferiment ta' dawn il-licenzji, izda b'malizzja ghazlet li titlob il-hrug ta' mandati li l-aktar jaghmlu hsara lill-esponenti. Ghal din il-hsara volontarja l-esponenti qeghdin jippretendu kumpens u qeghdin jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom permezz tal-mandat *de quo;*

8. Illi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-esponenti ma ressqux il-pretensjoni taghhom lir-rikorrenti fi zmien 15-il jum qabel gie pprezentat il-mandat. Fil-fatt, l-esponenti regolarment intimaw il-pretensjoni taghhom, u dan sa l-ahhar granet qabel iddecidew li jipprocedu gudizzjarjament;

9. Illi r-rikorrenti tallega li l-vetturi kolpiti mill-mandat *de quo* lanqas huma proprjeta' taghha. Naturalment tali allegazzjoni trid tigi ppruvata minnha stess. Bizzejjed jinghad f'dan l-istadju illi fl-istess paragrafu hija tiddikjara li dawn il-vetturi jirrapprezentaw l-introjtu taghha. Allura wiehed jistaqsi taht liema titolu jinsabu fil-pussess taghha;

10. Illi r-rikorrenti tippretendi illi peress illi kien hemm fis-sehh mandat ta' sekwetru kawtelatorju l-eponenti ma kienux intitolati li jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom permezz ta' mandat ta' qbid kawtelatorju. Ir-

rikorrenti fl-ebda mument qabel inhareg il-mandat ta’ qbid m’gharfet lill-esponenti li l-ammont ta’ LM50,000 kien gie milqut bl-effetti tal-mandat ta’ sekwestru. Kien biss wara l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid li dan gie allegat mir-rikorrenti, izda kostantement irrifjutat li tiddepozita garanzija in kawtela tal-pretensjoni sabiex b’hekk tehles mill-effetti taz-zewg mandati li hemm fis-sehh kontra taghha;

11. Illi jrid jinghad illi fl-istess waqt li gie allegat mir-rikorenti li l-pretensjoni kienet kawtelata b’mandat iehor, ir-rikorrenti stess kienet prezentat rikors sabiex thassar l-effetti tal-mandat l-iehor. B’hekk johrog car illi l-intenzjoni tar-rikorrenti hija biss li tizbanka flusha u b’hekk tevita li tonora sentenza eventwali kontra taghha;

12. Illi ghalhekk mhux opportun li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru *de quo* mahrug kontra r-rikorrenti, u lanqas huwa opportun fic-cirkostanzi li tigi mpost xi penali jew garanzija;

13. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-provi prodotti u l-atti tal-kawza bl-istess ismijiet, numru 716/02, li ghalihom il-partijiet ghamlu referenza, liema kawza u din mxew kontestwalment;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti Josephine Sammut kienet, f'xi zmien, ittrasferiet fuq isem l-intimati *char-a-banc* u *taxi*, izda in segwitu, dehrilha li kellha thassar dak it-trasferiment u fis-27 ta' Gunju, 2001 fethet kawza ghar-rexissjoni tat-transfers, liema kawza iggib in-numru 1186/01 u tinsab pendenti quddiem dawn il-Qrati. In kawtela tad-drittijiet taghha dedotti f'dik il-kawza, ir-rikorrent talbet u ottjeniet kontra l-intimati l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru u ta' Mandat ta' Qbid fuq pretensjoni ta' Lm70,000.

Meta rcevew dawn il-Mandati, l-intimati talbu lir-rikorrenti trrevokhom, u wara li din naqset milli taghmel dan, fis-26 ta' April, 2002, fethu kawza ghad-danni kontra r-rikorrenti (numru 479/02) u preventivament illikwidaw id-danni fl-ammont ta' Lm50,000, somma pretiza minnhom bhala kumpens ghall-hsara li garrbu bl-effett tal-imsemmija zewg Mandati. In kawtela ta' din il-pretensjoni, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru u ta' Mandat ta' Qbid kontra r-rikorrenti. Huma dawn il-Mandati li huma l-meritu ta' dawn il-proceduri: b'din il-procedura, ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid li nhareg fit-22 ta' Awissu, 2002 bin-numru 1751/02, filwaqt li bil-proceduri l-ohra (dawk li jgibu n-numru 716/02), ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 821/02 li nhareg fis-16 t'April, 2002.

Kif inghad, mela, f'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed titlob it-thassir tal-Mandat ta' Qbid ai termini tal-artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u/jew (f), l-imposizzjoni ta' penali fuq l-intimati ai termini tal-artikolu 836 (8) (b) (c) u/jew (d) u, fin-nuqqas, ordni biex l-intimati jaghtu garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A, f'kull kaz, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u (f) jipprovdu li:

*836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju*

*jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, fil-kawza "Camilleri vs Gove' et", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, *"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Illi, f'dawn il-proceduri, l-argument principali tar-rikorrenti huwa li dan il-Mandat ta' Qbid mhux biss ma kienx hemm bzonnu, izda inhareg vessatorjament ghax l-intimati kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu, li bl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru, il-pretensjoni taghhom kienet gia kawtelata. Fil-fatt irrizulta li wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru numru 821/02, il-Bank of Valletta p.l.c. kien zamm u bblokkja tlett kontijiet f'isem ir-rikorrenti ghas-somma totali

ta’ LM51,966, li hi somma diga’ akbar minn dik pretisa mill-intimati fil-Mandati taghhom.

Fil-proceduri l-ohra bejn il-partijiet, dawk bin-numru 716/02, intwera li dan l-effett li kellu l-Mandat ta’ Sekwestru, hu bizzejjed biex jikkawtela l-pretensjoni tal-intimati u s-somma maqbuda tista’ facilment tigi depositata taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti biex isservi bhala garanzija ghal kwalunkwe sentenza li jista’ jkollhom favur taghhom l-intimati, u la darba, allura, tezisti dik il-garanzija, li hija xierqa u adegwata, ma hemmx bzonn li jinzamm fis-sehh ukoll dan il-Mandat ta’ Qbid.

L-intimati jargumentaw li dak id-depositu mhux sodisfacjenti ghax il-flus jinsabu depositati *f’Term Deposit accounts* u ghax ma jistax jigi eskluz li, fil-futur, ir-rikorrenti tiehu xi self jew *overdraft facility* mill-istess Bank li, b’garanzija jiehu dawk id-depositi bi plegg.

Dawn l-argumenti, pero’, ma jreggux. Il-fatt li l-flus huma depositati f’*Term Deposit accounts* ma hu ta’ ebda ostakolu ghar-rifuzjoni ta’ dawk il-flus, f’kaz li l-intimati jottjenu sentenza favorevoli. Jekk ikun hemm ordni mill-qorti biex dawk il-flus jigu depositati sabiex il-kredituri jkunu jistghu jigu sodisfatti mid-depositu, il-Bank irid jiddeposita, u dan anke jekk, b’rizultat ta’ dan, ikun qed icahhad lid-depositant mill-imghax fuq dawk il-flus mill-ahhar skadenza tal-kontijiet. Inoltre, il-Mandat, f’dan l-istadju, hu wiehed kawtelatorju u l-kawza ghadha pendenti, u kwindi jekk l-itnimati jitolbu d-depositu tal-flus maqbuda, ikunu zgur koperti anke jekk il-Bank jiddeposita l-flus *on maturity*.

Il-biza’ li dawk il-flus jista’ jinghataw bi plegg mir-rikorrenti ghal xi facilita’ li tista’ tiehu mill-Bank, tista’ wkoll tigi obviata bis-sejha tad-depositu, ghax b’dan il-mod, il-Bank ma jibqghax fil-pussess ta’ dawk il-flus u ma jkunx jista’ jiehu plegg taghhom. Il-probabilita’ li r-rikorrenti tieghu facilitia’ bankarja u tiggarantixxi dik il-facilita’ lilha koncessa b’ipoteka generali favur il-Bank, hi wahda reali, pero’, jekk jigri hekk, dik l-ipoteka tolqot l-assi kollha tar-rikorrenti u tista’ tolqot, allura, anke l-oggetti maqbuda

b'dan il-Mandat ta' Qbid. Fi kliem iehor, iz-zamma ta' dan il-Mandat ta' Qbid tista' wkoll tirrizulta inutili jekk xi Bank jakkwista xi *prior ranking* fuq l-assi tar-rikorrenti, u ghalhekk din il-possibilita' m'ghandhiex tintuza biex jigu mizmuma l-assi kollha tar-rikorrenti. Fuq kollox, din il-qorti ma tistax timxi fuq kongetturi jew probabilitajiet, izda trid tagixxi fuq dak li jirrizulta illum fl-atti tal-kawza, u mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti m'ghandha ebda self jew *overdraft facility* mal-Bank of Valletta p.l.c., u li l-flus pretisi mill-intimati gew, fil-fatt, sekwestrati u mizmuma mill-Bank bhala rizultat tal-Mandat mahrug mill-intimati (ara, partikolarment, ix-xhieda tar-rappresentanti tal-Bank of Valletta p.l.c. fl-atti tal-kawza numru 716/02, u d-dokumenti hemm esebiti, partikolarment l-ittra mahruga mill-Bank fis-17 ta' Settembru, 2002, u li kopja taghha tinsab esebita a fol 64 ta' dak il-process).

Ghaldaqstant, hi l-fehma ta' din il-Qorti, li t-talba ghar-revoka ta' dan il-Mandat ta' Qbid ghandha tigi milqugha a bazi tal-artikolu 836(1) (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti qed titlob ukoll l-imposizzjoni tal-penali fuq l-intimati.

L-artikolu invokat, l-Art. 836 (8) (b) (c) u (d) jipprovdi li:

*"836. (8) Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lita u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn il-gejjin:*

*(b) jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;*
*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta bhala fatt li dan il-Mandat ta' Qbid inhareg xhur wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 821/02; il-Mandat ta' Sekwestru hareg fis-16 ta' April, 2002, waqt li dan ta' Qbid hareg fit-22 ta' Awissu, 2002. Tul dawk ix-xhur, ma jidhirx li l-intimati hadu l-briga jaraw x'effett kellu l-Mandat ta' Sekwestru, jew, jekk hadu din il-briga, ma tawx kaz tar-rizultat posittiv li kellu, u allura f'Awissu tal-istess sena, qabdu u hargu dan il-Mandat ta' Qbid in kawtela tal-istess pretensjoni li kienu jafu, jew messhom kienu jafu, kienet gia adegwatament koperta bil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru.

Dan hu agir li l-ligi trid tevita. Il-Mandati kawtelatorji qeghdin hemm biex iservu ta' tarka ghal min jippretendi li hu kreditur, pero', m'ghandhomx jintuzaw bl-addocc u lanqas m'ghandhomx jintuzaw bi skop li jwegghu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw. Anke jekk id-diversi Mandati li tipprovdi l-ligi jinhargu kontestwalment, hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-Mandati u jekk jara li gie kawtelat aktar milli mehtieg, hu stess ghandu jiehu l-inizjattiva biex jitlob it-thassir ta' dawk il-Mandati "zejda", biex b'hekk ma jkunx hemm irbit aktar milli hu mehtieg.

F'dan il-kaz, l-intimati mhux biss talbu l-hrug ta' dan il-Mandat ta' Qbid meta kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li gew sekwestrati flus bizzejjed biex jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom, izda lanqas ma hadu l-inizjattiva li jirtiraw dan il-Mandat fil-kors ta' dawn il-proceduri, meta rrizulta li l-flus pretizi huma *available* u setghu jigu facilment salvagwardati b'sejha lill-Bank ghad-depositu.

Il-hrug u, wisq aktar, iz-zamma fis-sehh ta’ dan il-Mandat ta’ Qbid, kienu u ghadhom, fil-fehma tal-Qorti, atti vessatorji, jekk mhux b’malizzja, u talba tar-rikorrenti ghal-hlas ta’ penali hi, ghalhekk, fic-cirkostanzi gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti u thassar, tirrevoka u tikkancella l-Mandat ta’ Qbid mahrug minn din il-Qorti fit-22 ta’ Awissu, 2002, bin-numru 1751/2002, u dan a bazi tal-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Tilqa’ wkoll it-tielet talba tar-rikorrenti u, a tenur tal-artikolu 836 (8) (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-intimati, in solidum bejniethom, li jhallsu lir-rikorrenti in linea ta’ danni s-somma ta’ sitt mitt Lira Maltin (LM600.00,0);

Fic-cirkostanzi, ma tiehux konjizzjoni tar-raba’ talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kollha mill-intimati in solidum bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------